REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2180

tas-16 ta' Diċembru 2019

li jispeċifika l-arranġamenti u l-kontenut dettaljati għar-rapporti tal-kwalità skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(6) tiegħu,

Billi:

(1) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità, fosthom indikazzjonijiet tal-metodu għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-preċiżjoni, b'rabta mad-*data* li trid tiġi trażmessa mill-Istati Membri lill-Eurostat.

(2) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati tar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut meħtieġ tagħhom, fosthom deskrizzjoni tal-metodi għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-preċiżjoni, fuq id-*data* li l-Istati Membri jeħtieġ jittrażmettu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) skont ir-Regolament (UE) 2019/1700.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "intervista bi prokura" tfisser intervista ma' persuna li mhix l-istess persuna li mingħandha qed tintalab l-informazzjoni skont regoli speċifiċi stabbiliti minn kull stħarriġ li jispeċifika f'liema każijiet jistgħu jiġu aċċettati intervisti bi prokura;

(2) "nonrispons" tfisser li stħarriġ ma rnexxilux jiġbor *data* għall-punti kollha tad-*data* fil-kwestjonarju tal-istħarriġ jew mill-unitajiet kollha tal-popolazzjoni dežinjata għall-ġbir tad-*data*, jew it-tnejn li huma, speċifikament:

(a) "nonrispons ta' unità" hu tip ta' nuqqas ta' rispons meta ma tinġabar l-ebda *data* dwar unità tal-popolazzjoni dežinjata għall-ġbir tad-*data*;

(b) "nonrispons ta' punt" hu tip ta' nuqqas ta' rispons meta ma tinġabar l-ebda *data* dwar varjabbli tal-istħarriġ b'rabta ma' unità tal-popolazzjoni dežinjata;

(3) "errur tal-kampjunar" tfisser parti mid-differenza bejn valur tal-popolazzjoni u stima ta' dak il-valur derivat minn kampjun aleatorju, li tirriżulta mill-fatt li subsett biss tal-popolazzjoni hu enumerat;

([1]) ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

(4) "errur mhux tal-kampjunar" tfisser errur fl-istimi tal-istħarriġ li mhux attribwibbli għal flutwazzjonijiet tal-kampjunar;

(5) "sostituzzjoni" fir-rigward tar-rispondenti tfisser is-sostituzzjoni ta' unità li oriġinarjament ġiet ikkampjunata minn unità oħra, inkluż sostituzzjoni bejn jew fost unitajiet domestiċi;

(6) "unitajiet eliġibbli" tfisser is-sett ta' unitajiet tal-popolazzjoni magħżula mill-qafas tal-kampjunar li huma parti mill-popolazzjoni fil-mira;

(7) "unitajiet ineliġibbli" tfisser unitajiet fil-kampjun li mhumiex parti mill-popolazzjoni fil-mira;

(8) "kampjun nett", imsejħa wkoll "kampjun miksub", tfisser is-sett ta' unitajiet tal-popolazzjoni (inkluż l-unitajiet tas-sostituzzjoni) magħżula mill-qafas tal-kampjunar, li minnhom inkisbet informazzjoni biżżejjed biex tinkludi l-unità fl-istimi tal-istħarriġ;

(9) "kampjun gross", imsejħa wkoll "kampjun inizjali", tfisser is-sett ta' unitajiet tal-popolazzjoni li ntgħażlu inizjalment mill-qafas tal-kampjunar. Il-kampjun gross jinkludi l-unitajiet eliġibbli (il-kampjun nett u l-unitajiet tan-nuqqas ta' rispons) kif ukoll l-unitajiet ineliġibbli;

(10) "imputazzjoni" tfisser proċedura għad-dħul ta' valur għal punt speċifiku tad-*data*, fejn l-ebda rispons ma jkun disponibbli.

Artikolu 3

Rapporti tal-kwalità

Ir-rapporti tal-kwalità għandu jkun fihom *data* u metadata relatati mal-kwalità f'konformità mal-kriterji tal-kwalità u l-kunċetti statistiċi stabbiliti fl-Anness. Dawn ir-rapporti għandhom jirreferu wkoll għall-każijiet meta ma nkisbitx konformità mal-kriterji xierqa tal-kwalità jew meta ma ġewx applikati sew il-kunċetti statistiċi, jew it-tnejn li huma.

Artikolu 4

Deskrizzjoni tal-metodi għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-preċiżjoni

Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tivvaluta sa fejn id-*data* trażmessa mill-Istati Membri skont l-Anness II għar-Regolament (UE) 2019/1700 tissodisfa r-rekwiżiti tal-preċiżjoni. Meta l-Kummissjoni (il-Eurostat) tidentifika nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-preċiżjoni, din għandha tiġi vvalutata skont:

— l-importanza u l-frekwenza tiegħu u l-impatt li dan iħalli fuq il-kwalità tal-indikaturi ewlenin, speċjalment il-komparabbiltà tagħhom;

— jekk dan jistax jiġi rettifikat minnufih u jekk l-Istati Membri jagħmlux il-korrezzjonijiet meħtieġa b'mod effettiv;

— jekk in-nuqqas ta' konformità jistax jittaffa indirettament, b'mod partikolari b'tekniki ta' stima, u jekk l-Istati Membri humiex qed jieħdu miżuri xierqa ta' mitigazzjoni;

— sa fejn l-Istati Membri jeżerċitaw kontroll fuq in-nuqqas ta' konformità, li jista' jirriżulta għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom;

— l-estent sa fejn in-nuqqas ta' konformità jippersisti tul is-sessjonijiet suċċessivi tal-ġbir tad-*data*;

— jekk hemmx pjan ta' azzjoni korrettiva approvat mill-Kummissjoni (il-Eurostat) u jekk hux implimentat b'mod effettiv; il-valutazzjoni ta' pjan bħal dan se tqis it-tul taż-żmien meħtieġ biex jiġu rettifikati l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità, b'mod partikolari fil-każ tal-ġbir tad-*data* longitudinali.

Artikolu 5

Standards tekniċi għat-trażmissjoni tar-rapporti tal-kwalità

1. B'appoġġ għall-ġestjoni tal-kwalità u d-dokumentazzjoni tal-proċess, ir-rapporti tal-kwalità għandhom jiġu trażmessi skont l-istandards tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni (il-Eurostat).

2. Biex id-*data* tkun tista' tiġi rkuprata b'mod elettroniku, ir-rapporti tal-kwalità għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) permezz tal-punt uniku ta' dħul.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Kriterji tal-kwalità u kunċetti statistiċi

Ir-rapport tal-kwalità għandu jkun fih *data* u metadata relatati mal-kwalità f'konformità mal-kriterji tal-kwalità u l-kunċetti statistiċi li ġejjin.

Jekk kunċett statistiku partikolari ma jkunx rilevanti għal operazzjoni statistika, dak il-kunċett jenħtieġ jibqa' fir-rapport tal-kwalità, akkumpanjat mill-kliem "Mhux applikabbli".

1. KUNTATTI

Punti tal-kuntatt individwali jew organizzazzjonali għal *data* jew metadata, inkluż dettalji tal-kuntatt.

2. PREŻENTAZZJONI STATISTIKA

Deskrizzjoni tad-*data* disseminata, li tista' tintwera lill-utenti bħala tabelli, graffs jew mapep.

2.1. **Deskrizzjoni tad-*data***

Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tas-sett tad-*data*.

2.2. **Sistemi tal-klassifikazzjoni**

Meta applikabbli, il-lista tal-klassifikazzjonijiet u tat-tqassimiet użati għad-*data*, u kull devjazzjoni mill-istandards Ewropej tal-istatistika jew l-istandards internazzjonali.

2.3. **Kopertura tas-settur**

Deskrizzjoni tat-temi ewlenin koperti mis-sett tad-*data*.

2.4. **Kunċetti statistiċi u definizzjonijiet, inkluż il-perjodu ta' referenza**

Il-lista tal-varjabbli kollha li jiddevjaw mid-definizzjoni standard, li ssemmi l-kunċetti nazzjonali użati u kull differenza bejn il-kunċetti nazzjonali u l-ġabriet tad-*data* rispettivi.

2.5. **Unitajiet statistiċi**

Deskrizzjoni tal-unitajiet tal-osservazzjoni.

2.6. **Popolazzjoni statistika**

Deskrizzjoni tal-popolazzjoni jew tal-popolazzjonijiet statistiċi fil-mira li għalihom jirreferi s-sett tad-*data*, jiġifieri l-popolazzjoni li dwarha trid tinġabar l-informazzjoni.

2.6.1. *Popolazzjoni(jiet) mhux koperta*

Informazzjoni dwar kull sottopopolazzjoni mhux koperta mill-ġbir tad-*data* (eż. il-persuni mingħajr saqaf fuq rashom jew il-persuni li jgħixu fl-istituzzjonijiet), inkluż deskrizzjoni ta' kull waħda minn dawn il-popolazzjonijiet u l-aħjar stima kwantitattiva tagħha.

2.7. **Żona ta' referenza**

Deskrizzjoni taż-żona ġeografika li magħha jkun relatat il-fenomenu statistiku mkejjel: iż-żona ġeografika koperta u lista tar-reġjuni esklużi.

2.8. **Kopertura taż-żmien**

Il-perjodi jew il-punti fiż-żmien li tirreferi għalihom l-osservazzjoni.

3. IPPROĊESSAR TAL-ISTATISTIKA

L-operazzjonijiet imwettqa fuq id-*data* biex tinkiseb informazzjoni ġdida dwar sett partikolari ta' regoli.

3.1. ***Data* tas-sors**

Deskrizzjoni tas-sors tad-*data* statistika mhux ipproċessata (eż. intervisti, *data* amministrattiva, kwalunkwe sors ieħor). Jekk jintużaw reġistri amministrattivi, dawn jenħtieġ jiġu deskritti b'mod ċar (is-sors, l-iskop primarju, nuqqasijiet possibbli, eċċ.)

3.1.1. *Qafas tal-kampjunar*

Deskrizzjoni tal-metodi użati għall-kisba jew il-ħolqien tal-qafas tal-kampjunar.

3.1.2. *Disinn tal-kampjun*

Deskrizzjoni tal-aspetti li ġejjin:

— Tip ta' disinn tal-kampjun (stratifikat, b'multistadji, raggruppat, bi stadju wieħed, b'żewġ stadji)

— Kriterji tal-istratifikazzjoni u tas-substratifikazzjoni

— Daqs tal-kampjun

3.2. **Frekwenza tal-ġbir tad-*data***

Informazzjoni dwar il-frekwenza tal-ġbir tad-*data*.

3.3. **Ġbir tad-*data***

Deskrizzjoni tal-metodi użati għall-ġbir tad-*data* (CAPI, CAWI, CATI, eċċ.). Jenħtieġ jinħemeż il-kwestjonarju nazzjonali użat għall-ġbir tad-*data*, flimkien ma' traduzzjoni tiegħu bl-Ingliż.

3.4. **Validazzjoni tad-*data***

Deskrizzjoni tal-proċeduri użati għall-kontroll u l-validazzjoni tad-*data* tas-sors u tal-output, inkluż l-ispjegazzjoni ta' kif ir-riżultati ta' dawn il-validazzjonijiet huma monitorjati u użati.

3.5. **Kompilazzjoni tad-*data***

Deskrizzjoni tal-proċess tal-kompilazzjoni tad-*data* (eż. l-editjar tad-*data*, l-imputazzjoni, il-ponderazzjoni, l-aġġustament għan-nuqqas ta' rispons, il-kalibrazzjoni, il-mudell użat, eċċ). Jenħtieġ li kull pass tal-ponderazzjoni jiġi deskritt separatament: il-kalkolu tal-ponderazzjonijiet tad-disinn; l-aġġustament tan-nuqqas ta' rispons (kif tiġi kkoreġuta l-ponderazzjoni tad-disinn, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fir-rati tar-rispons); il-kalibrazzjoni (il-livell u l-varjabbli użati fl-aġġustament, il-metodu applikat); il-kalkolu tal-ponderazzjonijiet tad-disinn.

4. ĠESTJONI TAL-KWALITÀ

Is-sistemi u l-oqfsa fis-seħħ fi ħdan organizzazzjoni biex tkun ġestita l-kwalità tal-prodotti u l-proċessi statistiċi.

4.1. **Aċċertament tal-kwalità**

Deskrizzjoni tal-qafas tal-aċċertament tal-kwalità u/jew tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità (eż. EFQM, ISO 9000) użati fl-organizzazzjoni.

4.2. **Valutazzjoni tal-kwalità**

Deskrizzjoni tal-kwalità ġenerali tal-outputs statistiċi, li jiġbru fil-qosor il-punti b'saħħithom ewlenin u kull nuqqas ta' kwalità fil-kriterji standard tal-kwalità: ir-rilevanza, l-akkuratezza, l-affidabbiltà, it-tempestività, il-puntwalità, il-komparabbiltà u l-koerenza. Kwalunkwe kompromess bejn l-aspetti tal-kwalità u kwalunkwe titjib fil-kwalità previst jista' jissemma.

5. RILEVANZA

5.1. **Ħtiġijiet tal-utenti**

Informazzjoni (jekk disponibbli) fuq (kwalunkwe) ħtiġijiet tal-utenti fir-rigward tad-*data* miġbura.

5.2. **Sodisfazzjon tal-utenti**

Informazzjoni (jekk disponibbli) fuq il-livell ta' sodisfazzjon tal-utenti tad-*data* fir-rigward tad-*data* miġbura u disponibbli.

5.3. **Kompletezza**

Deskrizzjoni ta' kull nuqqas ta' konformità f'termini ta' varjabbli li ma jiġux trażmessi.

6. AKKURATEZZA U AFFIDABBILTÀ

6.1. **Akkuratezza ġenerali**

Sommarju tad-diversi komponenti ta' valutazzjoni tal-akkuratezza, marbuta ma' sett tad-*data* jew dominju partikolari:

— Deskrizzjoni tas-sorsi ewlenin ta' erruri aleatorji u sistematiċi fl-outputs statistiċi, b'valutazzjoni fil-qosor tal-erruri kollha u b'enfasi partikolari fuq l-impatt fuq stimi ewlenin.

— Jekk rilevanti, aspetti ta' reviżjoni tad-*data*.

6.2. **Errur tal-kampjunar**

— Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-istimi tal-preċiżjoni.

— Il-miżuri tal-preċiżjoni tal-istimi skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-settijiet tad-*data* individwali.

— L-erruri standard fil-livell nazzjonali u, meta meħtieġ, fil-livell reġjonali (NUTS 2) għall-indikaturi ewlenin kif imsemmi fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1700.

6.3. **Errur mhux tal-kampjunar**

6.3.1. *Errur tal-kopertura*

Deskrizzjoni tad-diverġenza bejn il-popolazzjoni tal-qafas u l-popolazzjoni fil-mira.

— Il-frekwenza u ż-żmien tal-aġġornamenti tal-qafas.

— Erruri minħabba diskrepanzi bejn il-qafas tal-kampjunar u l-popolazzjoni u s-subpopolazzjonijiet fil-mira (kopertura żejda, kopertura nieqsa, klassifikazzjonijiet ħżiena).

6.3.2. *Errur fil-kejl*

Deskrizzjoni tal-erruri li jseħħu waqt il-ġbir tad-*data*, u li jwasslu biex il-valuri rreġistrati tal-varjabbli jvarjaw mill-valuri reali.

— Deskrizzjoni tal-isforzi magħmula fid-disinn u fl-ittestjar tal-kwestjonarju (inkluż l-indirizzar tal-erruri li jirriżultaw minn ġbir tad-*data* b'diversi modi u/jew b'diversi sorsi).

— Deskrizzjoni tat-taħriġ tal-intervistatur.

— Rati tal-intervisti bi prokura.

6.3.3. *Erruri minħabba nuqqas ta' rispons*

Deskrizzjoni ta':

— Il-karatteristiċi disponibbli tan-nonrispondenti

— Ir-rati tan-nonrispons għall-unitajiet u għall-punti.

— Ir-rati tas-sostituzzjoni.

— Id-daqs gross tal-kampjun (id-daqs inizjali tal-kampjun), l-għadd ta' unitajiet eliġibbli u d-daqs tal-kampjun nett, inkluż l-unitajiet tas-sostituzzjoni (id-daqs tal-kampjun miksub)

6.3.4. *Erruri tal-ipproċessar*

Deskrizzjoni ta' kull errur fl-ipproċessar u l-impatt tiegħu fuq ir-riżultati tal-ġbir tad-*data* finali, li jirriżultaw minn implimentazzjoni żbaljata ta' metodi tal-implimentazzjoni li jkunu ppjanati b'mod korrett.

— Deskrizzjoni tal-verifiki tal-kwalità u tal-proċess tal-editjar tad-*data*.

— Deskrizzjoni tal-proċeduri tal-imputazzjoni.

— Rati tal-imputazzjoni.

6.3.5. *Errur fil-preżunzjoni tal-mudell*

Meta applikabbli: deskrizzjoni tal-errur li jirriżulta minn mudelli speċifiċi għad-dominju li huma meħtieġa biex tiġi definita l-mira tal-istima.

6.4. **Aġġustament staġunali (fejn applikabbli)**

Deskrizzjoni tat-tekniki statistiċi użati biex jitneħħew l-effetti staġunali li jinfluwenzaw serje tad-*data*.

6.5. **Reviżjoni tad-*data* — politika**

Deskrizzjoni tal-politika mmirata biex tiżgura t-trasparenza tad-*data* disseminata, bid-*data* preliminari tiġi riveduta wara l-kompilazzjoni.

6.6. **Reviżjoni tad-*data* — prattiki**

Informazzjoni dwar il-prattiki tar-reviżjoni tad-*data*.

7. TEMPESTIVITÀ U PUNTWALITÀ

Informazzjoni dwar:

— Id-data tad-disseminazzjoni tar-riżultati nazzjonali.

— L-għadd ta' ġranet bejn tmiem il-ħidma fuq il-post u l-ewwel trażmissjoni validata għalkollox tad-*data* lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

— Id-data tal-ewwel trażmissjoni sħiħa tad-*data* lill-Kummissjoni (il-Eurostat). Jekk it-trażmissjoni tad-*data* ma tissodisfax l-iskadenza stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/1700, jenħtieġ tingħata raġuni għad-dewmien.

8. KOERENZA U KOMPARABBILTÀ

Deskrizzjoni ta' kif ġew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fid-dominju speċifiku, inkluż, meta rilevanti, l-impatt ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-kwestjonarju u d-definizzjonijiet.

8.1. **Komparabbiltà — ġeografika**

Deskrizzjoni ta' kull problema ta' komparabilità bejn ir-reġjuni differenti tal-pajjiż.

8.2. **Komparabilità — tul iż-żmien**

Informazzjoni dwar it-tul tas-serje taż-żmien komparabbli, inkluż is-snin meta kien hemm xi intervalli fis-serje, u r-raġunijiet għalihom.

8.3. **Koerenza — trażversali bejn id-dominji**

Tqabbil ma' sorsi esterni għall-varjabbli rilevanti kollha, meta l-Istati Membri kkonċernati jidhrilhom li din id-*data* esterna tkun affidabbli biżżejjed.

8.4. **Koerenza — statistika subannwali u annwali**

Jekk applikabbli.

8.5. **Koerenza — Kontijiet nazzjonali**

Jekk applikabbli.

8.6. **Koerenza — interna**

Informazzjoni dwar kwalunkwe nuqqas ta' koerenza fl-output tal-proċess statistiku.

9. AĊĊESSIBBILTÀ U ĊAREZZA:

Informazzjoni dwar:

— Il-formati tad-disseminazzjoni.

— Id-dokumentazzjoni dwar il-metodoloġija u l-kwalità.

10. KOST U PIŻ

Il-piż fuq ir-rispondenti u, jekk disponibbli, il-kost assoċjat mal-ġbir u l-produzzjoni tal-prodott statistiku. Jenħtieġ jiġi ddikjarat it-tul taż-żmien medju tal-intervisti tal-unitajiet domestiċi. Jekk possibbli u rilevanti, it-tul taż-żmien ta' intervista tal-unità domestika jenħtieġ jiġi rrappurtat skont il-metodu tal-ġbir tad-*data*.

11. KUNFIDENZJALITÀ

Informazzjoni dwar is-sjieda tad-*data* li tindika sa fejn l-iżvelar mhux awtorizzat tagħha jista' jkun preġudizzjali jew dannuż għall-interess tas-sors jew ta' xi parti rilevanti oħra.

— Politika ta' kunfidenzjalità — deskrizzjoni ta' xi dispożizzjoni flimkien mal-leġiżlazzjoni Ewropea li huma rilevanti għall-kunfidenzjalità statistika applikata għad-*data*.

— Kunfidenzjalità — trattament tad-*data*: deskrizzjoni ġenerali tar-regoli applikati għat-trattament tal-mikrodata u tal-makrodata (inkluż id-*data* tabulari) fir-rigward tal-kunfidenzjalità statistika.

12. KUMMENT

Test deskrittiv supplimentari li jista' jiġi inkluż fir-rapport tal-kwalità.